# 12. L-Ilwien

It-twieqi tal-kerrejja,
- u minnhom hemm tletin,
wid-dahar tal-galleriji,
- u minnhom hemm sittin,

kull sena f'San Gejtanu
jitbajdu, anki bid-dejn,
u b'dana kollu fosthom
b'lewn wieħed ma ssibx tnejn.

Hemm min ibajjad bl-ikħal,
u min bl-aħmar bħan-nar;
min jagħżel lewn il-perla,
min jagħżel aħdar ċar;

Min jogħġbu l-isfar dawli,
min jagħżel ix-xehbien;
min jagħżel il-kannella,
u b'hekk sensiela lwien.

U dana kollu juri
li l-lwien huma qatigħ,
l'hu tqil biex tgħid min fosthom
hu ikrah, min sabiħ.

L-imgħallma tal-kuluri
- tissejjaħ il-Qawsalla –
tfixklet ukoll biex tagħżel
l-ilwien li kellha ttalla'.

W għalhekk ħadithom f'daqqa,
kif kienu lkoll flimkien,
u għamlet qaws imżewwaq
b'kollha kemm huma l-lwien.